ŻEBBUĠ

**<u>Minuti</u> tas-Seduta Nru. 06/07/2015**
***Kienet addottata Aġenda nru. 06/07/2015***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 4 ta' Awwissu 2015**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera**
- **Il-Chev. Carmelo Saliba – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttivait**

Is-Sinjura Marija Saliba – Chairperson għal Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn kienet skużata.

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 04-05/07/15

Billi l-minuti tal-laqgħat bin-nru. 04-05/07/2015 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦAT BIN-NRU. 04-05/07/15

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 09/2015

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 09/2015 tat-Tlieta 2 ta' Ġunju 2015 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Din il-korrispondenza ttieħdet bħala moqrija:

Ittra tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-iskema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta` ta' librerija lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser jingħata l-massimu tal-iskema.

Memo 18/2015 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali bis-suġġett l-Att dwar ir-Responsabbilta` Fiskali (KAP 534).

Komunikat tas-Sur Mario Cassar dwar il-futur tal-Iskola Primarja Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li jibgħat ittra lill-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Ministru għal Għawdex u joġġezzjona għar-rapport tal-NAO "Performance Audit – Class size in State Primary Schools".

Petizzjoni favur l-għawm tal-klieb fil-Bajja tal-Qbajjar fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer.
Ġie deċiż li:

- isir rapport mal-Pulizija dwar tabelli nieqsa tal-għawm tal-klieb fil-Bajja tax-Xwejni.
- it-tabelli nieqsa jsiru mill-ġdid.
- il-petizzjoni tkun riferuta lill-avukat tal-Kunsill.

**Applikazzjonijiet**
**għall-permess tal-Kunsill Lokali**

| | **Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill Lokali** |
|---|---|
| (i) Irena Angelovska<br>Għal ċerimonja ta' żwieġ nhar l-10 ta' Settembru 2015 fil-Bajja tax-Xwejni. | Approvata. |

(ii) Albert Borg Approvata.
Għal attivita` soċjali nhar il-11 ta' Settembru 2015 fl-*area* ta' Taħt ix-Xifer.

Is-Sindku ssospenda l-agenda tal-laqgħa biex indirizzaw lill-Kamra l-*youth worker* is-Sinj. Angela Camilleri u s-Sur Alvin Grech dwar l-Isports Day li ser issir mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ.

## 6. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

**Nru. 40/2015 – il-Librara**
Isiru lapsijiet bl-istemma tal-Kunsill biex jitqassmu fil-librerija waqt l-attivitajiet li jsiru. Il-Kunsill qabel mal-proposta ta' Grima.

**Nru. 44/2015 – il-Kunsillier Carmelo Saliba**
Ippropona biex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta biex is-servizz tat-trasport pubbliku jkun estiż għal Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel talba lil Transport Malta biex is-servizz ikun estiż għall-parti ta' fuq u l-parti t' isfel taż-Żebbuġ u għall-Bajja tax-Xwejni.

Dwar ilment 41/2015 tindif ta' passaġġ fi Triq il-Ponta, il-Kunsill ftiehem li l-Perit jintalab jagħmel *site visit*.

**Ilment 46/205 – is-Sinj. Monique Zammit**
Talbet biex jinbidel *railing* imsaddad quddiem Lighthouse Crt, Triq l-Onici. Intqal li l-passaġġ huwa privat.

**Ilment 47/2015 – Is-Sur Gorg Cefai**
Irrapporta li meta sar xogħol ta' konkos fi Triq is-Sagħtrija fil-bidu tat-triq kienet eliminata rampa u b' hekk tneħħa kompletament l-aċċess għal dawn l-egħlieqi. Talab biex terġa' ssir rampa. Ġie deċiż li jsir rapport mill-Perit.

**Ilment 48/2015 – is-Sur Victor Agius**
Isir traqqiegħ ta' ħofor fi Triq Għajn Mhelhel u fi Triq Wied l-Infern. Is-Sindku qal il-*patching* kellu jsir minn Road Construction pero` kien għadu ma għamlux.

**Ilment 49/2015 – is-Sur Toni Tabone**
Biex jinkesa bis-siment passaġġ fi Triq Għajn Mhelhel. Ser nivverifikaw mal-Perit jekk il-passaġġ hux pubbliku jew tal-privat.

**Ilment 50/2015 – is-Sinj. Teresa Dimech**
Talbet biex tinbidel il-bankina ta' quddiem ir-residenza Lewcar fi Triq Sant' Indrija. It-talba għal bankina ġdida kienet approvata.

**Ilment 51/2015 – is-Sur Fredu Attard**
Irrapporta li hemm blat fit-triq tas-salini appik li jaqa'. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lil Richard Axiaq stima biex jitneħħa l-blat perikoluż li hemm.

**Ilment 52/2015 – is-Sur Nardu Zammit**
Issir il-manutenzjoni tat-taraġ li minn Triq il-Batterija jagħti għall-bajja ta' Taħt ix-Xifer. Xogħol approvat mill-Kunsill.

**Ilment 53/2015 – il-Kunsillier Carmelo Saliba**
Biex titwaħħal lampa ġdida fi Triq il-Kaċċaturi kantuniera ma' Triq Għajn Mhelhel. It-talba għal lampa ġdida kienet approvata.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 04/2015 – DOK A għall-perijodu bejn l-24 ta' Ġunju 2015 u l-31 ta' Lulju 2015 li tammonta għal €27,461.22 kienet approvata u ffirmata.

## 8. RAPPORT ANNWALI AMMINISTRATTIV 2014

Billi r-Rapport Annwali għas-sena 2014 kien ċirkulat minn qabel, dan ittieħed bħala moqri mill-Kunsill. Il-Kunsill approva r-Rapport Annwali kif preżentat.

## 9. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### SERVIZZ TA' ĠBIR TA' SKART GOFF

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet billi ħadd mill-Kunsillieri ma kien preżenti għall-ftuħ tal-offerti, hija kienet issiġillat ġo *envelope* l-offerti mitfugħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-*envelope* bl-offerti.

Kienu mitfugħa tlett offerti għall Kuntratt tal-ġbir ta' skart goff.

L-offerti huma ta', bil-valur:

| | |
|---|---|
| Sharlon Mercieca | €5.95 għal kull sejħa |
| White Horse Recycling Ltd | €5.75 għal kull sejħa |
| Nicholas Zammit | €6.90 għal kull sejħa. |

It-tlett offerti kellhom garanzija bankarja valida.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' White Horse Recycling Ltd li kienet l-irħas waħda.

**TINDIF TA' TOROQ FESTA SANTA MARIJA**

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet l-*envelope* ssiġillat bil-kwotazzjonijiet mitfugħa għal servizz ta' tindif ta' toroq Festa Santa Martija. Kienet mitfugħa kwotazzjoni waħda.
Il-kwotazzjoni kienet ta' White Horse Recycling Ltd għall-prezz ta' €3,475.

Fid-dawl tas-soltu spiża għax-xogħol ta' tindif fil-festa, il-Kunsill ftiehem li jiftaħ negozjati ma' White Horse Recycling Ltd.

## 10. TRIQ TA' MILIED

Ġie deċiż li l-Perit jintalab jagħmel rapport dwar jekk Triq Ta' Mileid tistax issir aċċessibbli għat-traffiku.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Dwar it-*topping* tat-*turf* tal-grawnd, il-Kunsill iddeċieda li jagħmel sejħa pubblika għall-kwotazzjonijiet.

Dwar is-servizz ta' *accountant*, is-Sindku ppropona li l-Kunsill juża s-servizzi tal-*accountant* Daniel Galea. Qbil mal-proposta tas-Sindku.

Is-Sindku talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tibgħat *reminder* dwar il-manutenzjoni ta' Triq iż-Żebbuġ u r-*road markings* li kellhom isiru fl-istess triq (ta' fejn is-Salve Regina).

Ma kienx hemm qbil li jiddendel *banner* ta' Santa Marija mal-gallerija tal-bini tal-Kunsill.

Dwar it-trinka li saret mill-kuntrattur tal-Enemalta n-naħa ta' fuq taż-Żebbuġ, ġie deċiż li:

- tintbagħat ittra mill-avukat tal-Kunsill dwar ir-*re-instatement* tat-triq.
- isir rapport mill-Perit fejn jiċċertifika t-travi tat-triq fi Triq Mons De Piro.

Il-Viċi Sindku ppropona li ssir tinda għall-*pitch* tal-boċċi tal-*playing field*. Qbil mal-proposta tal-Viċi Sindku. Ġie deċiż li tintalab stima tax-xogħol.

Il-Viċi Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra materjal dwar sistema ġdida ta' dawl bil-panelli.

Il-Kunsillier Carmelo Saliba talab biex sa laqgħa oħra jsir rapport tax-xogħlijiet approvata mill-Kunsill.

## 12. AĠĠORNAMENT

Is-seduta ntemmet fit-7.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna s-seduta għat-Tlieta, l-1 ta' Settembru 2015 fil-5.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |